ŻEBBUĠ

## MINUTI TAL-LAQGĦA URĠENTI

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 25 ta' April 2011**

**Hin: Fl-10.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson - Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Sindku s-Sur Joe Bajada u l-Kunsillier is-Sur Victor Refalo kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat il-minuti tal-laqgħa urġenti tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li nżammet nhar l-20 ta' April 2011. Il-Kunsill ikkonferma dan is-sett ta' minuti.

## JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2011

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li ''Iż-Żebbuġ Memorja ta' Tfuliti'' – Jum iż-Żebbuġ 2011 ser issir minn Fr Amadeo Zammit.

Is-Sindku ppropona u l-Kunsill approva li dritt wara ċ-ċerimonja ta' tifkira, isir riċeviment għall-mistednin fil-bini tal-Kunsill.

Il-laqgħa ntemmet fil-10.45 ta' filgħodu.

Chev. Carmelo Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva